MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 1073/2011

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Christopher Peat u Tania Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors konfermat bil-gurament u pprezentat fl-1 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu r-rikorrenti qeghda titlob li l-kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2005 pubblikat min-nutar Dr Tonio Cachia li ffirmaw il-kontendenti, jerga' jigi rez ezegwibbli. B'dak il-kuntratt l-intimati nghataw self ghas-somma ta' dsatax-il elf u sitt mitt lira Maltija (Lm19,600)

sabiex jithallas dejn li jidher li kellhom mal-Bank of Valletta plc. Is-self kellu jithalla fi zmien wiehed u ghoxrin (21) sena u jithallas lura permezz ta' pagamenti fix-xahar ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120). Ir-rikors sar skond l-Artikolu 258 tal-Kap. 12.

Rat li ghalkemm notifikati, l-intimati baqghu ma wiegbux u lanqas deheru ghas-seduta tal-lum. Fis-seduta tas-16 ta' April 2012 dehret l-intimata flimkien mad-difensur taghha li ddikjarat: *"... li bejn l-intimati hemm proceduri ta' separazzjoni. Fil-fatt ghandha tinghata sentenza fil-31 ta' Mejju 2012. Iddikjarat ukoll illi l-fond li qed jaghmel tajjeb ghad-dejn mal-HSBC hu parafernali u li l-intimata mhijiex tikkontesta li ghad hemm dejn pendenti mal-istess bank. Ziedet tghid li bejn il-konjugi hemm kwistjoni dwar x'jigri fl-eventwalita li jinbigh il-fond minhabba skrittura privata li jidher li kienet saret u ghalhekk l-intimata tixtieq tkun taf x'ser ikun l-esitu ta' proceduri ta' separazzjoni qabel tiehu decizjoni dwar jekk ghandhiex tipprova tasal fi ftehim mal-bank. L-Avukat Demicoli ghall-bank iddikjarat li l-kwistjonijiet bejn l-intimati huma res inter alios acta."*.

Rat l-atti minn fejn jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hi gustifikata. L-ahhar li l-intimati ghamlu pagament kien fit-12 ta' Frar 2009[1]. Ghalhekk m'hemmx dubju li hemm ammonti li huma dovuti.

**Ghaldaqstant, tilqa' t-talba u terga' tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li hu l-kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2005 pubblikat min-nutar Dr Tonio Cachia li ffirmaw il-kontendenti.**

**Spejjez a karigu tal-intimati**.

**< Sentenza Finali >**

[1] Ara nota guramentata tal-Prokuratur Legali Catherine Fenech prezentata man-nota tat-30 ta' Novembru 2011 u l-prospett prezentat mal-istess nota.

---------------------------------TMIEM---------------------------------